

Il-benessri u l-protezzjoni tal-annimali Il-liġijiet tal-UE spjegati (filmati)



©Creativenature.nl/Adobe Stock

Close up of European wild cat - © AdobeStock/creativenature.nl

L-UE għandha wħud mill-ogħla standards fid-dinja għal dak li jikkonċerna l-benessri tal-annimali.

Skopri kif il-leġiżlazzjoni tipproteġi l-annimali mrobbija f'azjendi agrikoli, l-annimali tal-laboratorju, l-annimali selvaġġi u l-annimali domestiċi.

L-Unjoni Ewropea ilha aktar minn 40 sena taħdem favur il-benessri tal-annimali u hija ġeneralment meqjusa bħala mexxej globali, b'xi wħud mill-aħjar standards fid-dinja għal dak li jikkonċerna l-benessri tal-annimali. Ir-regoli tal-UE influenzaw b'mod pożittiv ukoll il-leġiżlazzjoni f'pajjiżi terzi. Huma jikkonċernaw prinċipalment l-annimali tal-irziezet (fl-azjenda

agrikola, waqt it-trasport u waqt il-qtil), iżda jikkonċernaw ukoll l-annimali selvaġġi, l-annimali tal-laboratorju u l-annimali domestiċi.

" "[...] *I-Unjoni u I-Istati Membri għandhom jagħtu konsiderazzjoni sħiħa tal-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali [...] bħala esseri sensibbli.*" "

L-Artikolu 13 tat-Titolu II tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)

It-trattament xieraq tal-annimali

L-ewwel regoli tal-UE li jipproteġu l-annimali tal-irziezet [imorru lura għas-snin 70](#). Id-Direttiva dwar [il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja](#) tal-1998 stabbiliet standards ġenerali għall-protezzjoni tal-annimali kollha miżmuma għall-produzzjoni tal-ikel, suf, ġilda, pil jew skopijiet oħra ta' biedja - inklużi l-ħut, ir-rettili u l-amfibji - u hija bbażata fuq il-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tal-Annimali li Jinżammu għal Skopijiet ta' Biedja](#) tal-1978.

UE dwar il-benessri tal-annimali jirriflettu l-hekk imsejħa 5 tipi ta' ħelsien:

- Ħelsien mill-ġuħ u mill-għatx;
- Ħelsien mill-iskonfort;
- Ħelsien mill-uġiġħ, mit-tidrib jew mill-mard;
- Ħelsien li jesprimu mġiba normali;
- Ħelsien mill-biża' u mit-tbatija.

Ir-regoli tal-UE dwar [il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali waqt it-trasport](#) ġew approvati fl-2004. Madankollu, f'riżoluzzjoni adottata fl-14 ta' Frar 2019, il-Parlament appella għal infurzar aħjar, sanzjonijiet u tnaqqis fil-ħinijiet tal-ivvjaġġar.



► **Il-benessri ta' annimali trasportati**

https://multimedia.europarl.europa.eu/en/welfare-of-transported-animals_N01-PUB-190207-ANIM_ev

L-appell tal-Parlament għal protezzjoni aħjar tal-annimali ttrasportati

Ir-regoli tal-UE dwar **il-protezzjoni u l-benessri tal-annimali waqt it-trasport** ġew approvati fl-2004. Madankollu, f'riżoluzzjoni adottata fl-14 ta' Frar 2019, il-Parlament appella għal **titjib fl-infurzar, sanzjonijiet u tnaqqis fil-ħinijiet tal-ivvjaġġar**.

Fid-19 ta' ġunju 2020, il-Membri tal-PE waqqfu kumitat ta' inkesta biex jeżamina l-ksur allegat **fl-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-benessri tal-annimali** matul it-trasport fl-UE u barra minnha.

Matul dibattitu fit-2 ta' Diċembru 2020, il-Membri tal-PE talbu lill-Kummissarju għall-Agrikatura Janusz Wojciechowski biex jiżgura li **l-politika agrikola tal-UE ttejjeb il-benessri tal-annimali waqt it-trasport**. Huma appellaw lill-Kummissjoni biex tappoġġa t-tqassir tal-ktajjen tal-provvista, biex tinkoraġġixxi t-trasport tal-laħam minflok dak tal-annimali ħajjin u biex tiżgura li l-importazzjonijiet jikkonformaw mal-istandardi tal-UE dwar il-benessri tal-annimali.

F'April 2021, il-kumitat ta' inkesta tal-Parlament li investiga l-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport qal li n-nuqqas ta' infurzar tar-regoli attwali dwar **il-benessri tal-annimali waqt it-trasport huwa inaċċettabbli** u appella għal azzjoni konkreta biex tiġi indirizzata l-problema, inkużi proċeduri ta' ksur fil-konfront tal-Istati Membri li jonqsu milli jinfurzaw ir-regoli eżistenti tal-UE.

Il-Kumitat sab **nuqqasijiet sistemiċi fl-implementazzjoni tar-regoli relatati mat-trasport tal-annimali fl-UE** kollha. Ir-rapport tal-kumitat ġie **vvutat** f'sessjoni plenarja f'Jannar 2022.



- **Il-ġlieda kontra l-firxa tar-reżistenza għall-mediċini mill-animali għall-umani**
https://multimedia.europarl.europa.eu/en/tackling-the-spread-of-drug-resistance-from-animals-to-humans_N01-PUB-181009-VETI_ev

Protezzjoni tal-animali selvaġġi

Il-500 **għasfur selvaġġi** li jinsabu b'mod naturali fl-UE huma protetti mid-[Direttiva dwar l-Għasafar](#), filwaqt li d-[Direttiva dwar il-Habitats](#) għandha l-għan li tiżgura l-konservazzjoni ta' speċijiet ta' animali rari, mhedda jew endemiċi u t-tipi ta' habitat karatteristiku.

L-inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi tnediet fl-2018 biex tindirizza **t-tnaqqis tal-insetti pollinaturi selvaġġi**, speċjalment in-naħal. Madankollu, il-Parlament jappella għal **tnaqqis ulterjuri tal-peściċidi u aktar fondi għar-riċerka**. F'rapport adottat f'Jannar 2018, il-Parlament digħà li stqarr li **il-varjetajiet tan-naħal regionali u lokali għandhom jiġu protetti aħjar**

Barra minn dan, **il-baleni u d-delfini ma jistgħux** jinqabdu u jinqatlu fl-ilmijiet tal-UE. Barra minn hekk, l-UE minn dejjem kienet difensur tal-implimentazzjoni sħiħa tal-moratorju fuq il-kaċċa kummerċjali għall-balieni li ilu fis-seħħ mill-1986.

Jeżisti regolament tal-UE li jipprobixxi **I-kummerċ ta' prodotti mill-foki**.

Hemm ukoll regoli dwar **metodi ta' nsib**, li jipprobixxu l-użu ta' nases li jaqbdū s-saqajn biex jinqabdu animali selvaġġi fl-UE u regoli li jistabbilixxi standards umanitarji.

L-UE timplimenta u tmur lilhinn mid-dispożizzjonijiet tal-**Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu** (CITES) permezz tar-Regolamenti tagħha dwar il-Kummerċ ta' Speċijiet Selvaġġi biex tiżgura li l-kummerċ fil-**prodotti tal-organiżmi selvaġġi** ma jwassalx għal speċijiet fil-periklu.

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat [Strateġija għall-Bijodiversità](#) ġidida u ambizzju bħala parti mill-[Patt Ekoloġiku tal-UE](#).

Żoos

Ir-regoli tal-UE dwar iż-żamma tal-animali selvaġġi fiż-żoos huma intiżi sabiex isaħħu r-rwol tagħhom fil-konservazzjoni tal-bijodiversità u jistabbilixxu standards għall-miżuri ta' protezzjoni, inkluża l-akkomodazzjoni xierqa tal-animali.

Ittestjar fuq l-annimali għal skopijiet xjentifiċi

L-UE ħolqot qafas legali li **jirregola l-istudji fuq l-annimali** għall-iżvilupp ta' mediċini ġodda, għall-istudji fiżjoloġiċi u għall-ittestjar ta' addittivi tal-ikel jew kimiċi. Ir-regoli huma bbażati fuq il-prinċipju tat-“tliet R”:

- sostituzzjoni (promozzjoni tal-użu ta' metodi alternattivi)
- tnaqqis (sforzi biex jintużaw inqas annimali għall-istess objettiv)
- raffinament (sforzi biex jitnaqqsu l-uġigħ u t-tbatija).

L-ittestjar ta' **kożmetiċi** fuq l-annimali u l-kummerċjalizzazzjoni ta' tali prodotti huwa pprojbit fl-UE. F'riżoluzzjoni adottata fl-2018, il-Parlament appella għal **projbizzjoni globali fuq l-ittestjar ta' prodotti kożmetiċi fuq l-annimali**



▶ **Ebda makeup għall-annimali**
<https://www.europarltv.europa.eu/en/programme/society/no-makeup-for-animals>

Protezzjoni tal-annimali domestiċi

Biex **jitrażjan il-kummerċ illegali tal-kieb u l-qtates**, f'riżoluzzjoni adottata fit-12 ta' Frar 2020, il-Parlament appella għal pjan ta' azzjoni fl-UE kollha, sanżjonijiet eħrej u reġistrazzjoni obbligatorja .



▶ **Ġlied kontra n-negozju illegali tal-annimali tad-dar**
https://multimedia.europarl.europa.eu/en/fighting-illegal-pet-trade-1_N01-PUB-200116-PETS_ev

Biex jiġi indirizzat it-tħassib taċ-ċittadini Ewropej, li jqisu l-annimali domestiċi bħala parti mill-familji tagħhom, **il-pil tal-qtates u l-klieb ġie pprojbit fl-UE mill-2008**. Il-leġiżlazzjoni tiprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità jew l-esportazzjoni mill-Komunità ta' **pil tal-qtates u tal-klieb** u ta' prodotti oħra li fihom pil ta' din ix-xorta.

Bis-saħħha tar-regoli armonizzati tal-UE dwar l-ivvjaġġar bl-annimali domestiċi, in-nies huma liberi li jiċċaqlqu mal-annimali domestiċi tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Ħlief għal ċerti eċċeżżjonijiet, il-**passaport tal-annimal domestiku** jew iċ-ċertifikat tas-saħħha tal-annimali huwa l-uniku rekwiżit għall-klieb, il-qtates u l-inmsa biex jaqsmu l-fruntieri fi ħdan l-UE.



▶ **Biex tivvjaġġa bil-pet tiegħek fl-Ewropa**
<https://www.europarltv.europa.eu/en/programme/society/travelling-with-your-pet-in-europe>

Aktar informazzjoni

Il-kumitat ENVI
Il-kumitat AGRI